**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN**

**16 ta' FRAR, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schebmri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**21.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

21.1.1 B'referenza għall-punt 20.2.4 il-membru Kevin Sam Farrugia qal li l-ħaxix minn Triq ir-Rettur ma inqatax. Hemm bżonn ukoll li titnaddaf il-bankina tal-istess triq.

21.1.2 Fir-rigward ta' punt 20.2.5 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bozoz twaħħlu u saret l-applikazzjoni biex jinxtelu mill-Enemalta.

21.1.3 Fir-rigward ta' punt 20.2.6 iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa li l-ilmenti li kien hemm fuq it-trasport pubbliku ġew mgħoddija lill-Ministru kkonċernat waqt laqgħa li saret fuq is-suġġett.

21.1.4 Ġew approvati l-minuti tal-għoxrin -il seduta ta' din il-leġislatura.

*21.2* *Ilmenti u suġġerimenti*

21.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn issir ordni ta' manutenzjoni ta' tabelli tat-traffiku minħabba li kollha iffejdjaw. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li jiżdied id-double yellow line fi Triq San Iljun viċinil-garaxx.
Kien hemm qbil fuq dan.

21.2.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li r-residenti ta' Triq Kalanġ Bugeja rringrazjaw lill-Kumitat tax-xogħol ta' linji ta' parkeġġ li saru fit-triq imsemmija.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat li hemm bżonn ta' patching fi Vjal l-Inidpendenza k/m Triq Kalang Bugeja. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xoghol.

21.2.3 Inġibded l-attenzjoni fuq li s-siġar ta' Triq l-Arċipriet E Mifsud ma inżabrux mill-Kuntrattur Waste Collection Ltd, kif kien avżat li jagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kient inżabret siġra waħda biss minn Triq l-Arċipriet E Mifsud.

21.2.4 Il-membru Kevin Sam Farrugia talab li isir metru double yellow line mal-garaxx ta' Solitaire fi Triq ir-Rettur. Hu talab ukoll li jsiru stop markings fi Triq il-Qiegħa, għalkemm ix-xogħol kellu jsir minn Transport Malta. Kien hemm qbil li x-xogħol kollu ssuġġeriet jiġi ordnat.

*21.3* *Appuntament għas-Seduta li jmiss*

21.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:45 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**